FL-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, l-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum **il-Gimgha 18 ta' Settembru, 2020** fid-09:30am fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi ghall-familja.

Dehru Dr. Miguiel Degabriele ghall-avukat tal-Istat.

Dehru l-familja ta' Daphne Caruana Galizia.

Deher Dr. Peter Caruana Galizia.

Il-Bord, jinforma illi giet attirata l-attenzjoni tieghu ghal Facebook post li xandar l-Onor. Glenn Bedingfield, xhud f'din l-inkjetsa fil-pagna tieghu tas-16 ta' Settembru 2020 u ta xi kummenti li saru b'rejazzjoni ghalih.

Jordna li kopja ta' dan il-post u kummenti fuqu jitqieghdu fl-atti ta' din l-inkjesta bhala prova fil-meritu taghha u tigi nserita minnufih wara x-xhieda ta' l-Onor. Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Sahha Dr. Chris Fearne fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2020.

Jirriserva li jipprovdi ulterjorment dwar dan l-incident jekk ikun il-kaz.

Il-Bord ipprezenta l-post ta' Glenn Bedingfield li giet immarkata bhala Dok. GB1.

**Dr. Owen Bonnici** xehed bil-Malti u bil-gurament.

Il-Bord jordna li x-xhieda ta’ Dr. Owen Bonnici tkompli fil-maghluq.

Dr. Therese Comodini Cachia pprezentat artikli bl-isem Janice winds Noddy up and out he trots to whine about his pet fixation: me - Dok. TCC1, Probe reveals over €2 million in direct orders to Panama Papers’ firm in Malta – Dok. TCC2, Taxpayers billed €300,000 for luxury travel by chief passport salesman – Dok. TCC3, PM accepts Henley & Partners advice to sell more passports – Dok. TCC4.

L-inkjesta qieghda tigi differita ghal nhar l-Erbgha 30 ta’ Settembru 2020 fid-09:30am.

Margaret De Battista
Deputat Registratur